

Brussell, 13 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

11193/24

LIMITE

FISC 138
ECOFIN 718

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet dwar il-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) matul il-Presidenza Belġjana - Approvazzjoni

1. F'konformità mal-mandat tiegħu, il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (COCG) jirrapporta regolarment lill-Kunsill dwar il-progress tal-ħidma tiegħu. L-aħħar rapport ta' kull sitt xhur li sar mis-COCG lill-Kunsill jinsab fid-dokumenti ST 11151/2024 + ADD 1-3.
2. L-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-progress miksub mis-COCG matul il-Presidenza Belġjana ġie eżaminat mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) fil-laqgħa tal-10 ta' Ġunju 2024. Id-delegazzjonijiet kollha jappoġġaw it-test li jinsab fl-Anness.
3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirakkomanda li l-Kunsill (Ecofin) japprova dawn il-konklużjonijiet bħala punt "A" fil-21 ta' Ġunju 2024.

**Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill
dwar il-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)
matul il-Presidenza Belġjana**

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea:

1. JILQA' l-effett pożittiv tal-Kodiċi ta' Kondotta u l-ħidma tal-Grupp dwar it-tnaqqis ta' prattiki dwar it-taxxa dannużi u t-tnaqqis ta' reġimi preferenzjali ta' taxxa, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll globalment;
2. JAPPREZZA l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta matul il-Presidenza Belġjana, b'mod partikolari fir-rigward tan-notifiki ta' status quo u żmuntar, ir-reviżjoni tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx fi Frar 2024 u l-ħidma biex jissaħħaħ aktar il-Kodiċi tal-Kondotta dwar it-tassazzjoni tal-intrapriżi;
3. JAPPROVA r-rapport tal-Grupp kif jinsab fid-dokumenti ST 11151/2024 + ADD 1-3;
4. JAPPROVA l-progress miksub fil-valutazzjonijiet tan-notifiki ta' status quo u żmuntar mill-Grupp u JITLOB lill-Grupp ikompli bis-sorveljanza tal-istatus quo u bl-implimentazzjoni tal-żmuntar;
5. JILQA' l-ħidma tal-Grupp dwar it-tiħiħ tan-notifiki skont il-proċedura ta' status quo; JAPPROVA l-Gwida dwar in-notifika ta' miżuri ta' taxxa preferenzjali skont il-paragrafu E tal-Kodiċi ta' Kondotta stipulat fl-Anness I tar-rapport;

6. JISTIEDEN lill-Grupp biex ikompli d-djalogu effettiv mal-ġuriżdizzjonijiet u s-sorveljanza, sabiex il-ġuriżdizzjonijiet ikomplu jissodisfaw l-impenji rispettivi tagħhom u jikkonformaw mal-kriterji tal-elenkar tal-UE f'konformità mal-iskadenzi miftiehma;
7. JINNOTA l-progress fi tliet ġuriżdizzjonijiet fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istandard tal-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni (AEOI) (kriterju 1.1) u żewġ ġuriżdizzjonijiet fir-rigward tal-istandard għall-iskambju ta' informazzjoni fuq talba (kriterju 1.2); JILQA' r-riformi tar-reġimi preferenzjali ta' taxxa u l-progress li sar mill-ġuriżdizzjonijiet li lestew ir-riforma tas-sistemi tagħhom ta' eżenzjoni mill-introjtu minn sors barrani (FSIE) sal-iskadenza ssuġġerita u d-djalogu li għaddej ma' ġuriżdizzjonijiet oħra li jinsabu fil-proċess li jirrifurmaw is-sistema tal-FSIE tagħhom; JAGĦRAF il-progress li sar mal-pajjiżi u t-territorji li ma jimponu l-ebda taxxa jew taxxa insinifikanti fil-kuntest tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' sustanza ekonomika skont il-kriterju 2.2; JILQA' l-progress mal-ġuriżdizzjonijiet rilevanti rigward l-implimentazzjoni tal-istandard minimu kontra l-BEPS (CbCR) ta' rappurtar pajjiż b'pajjiż (kriterju 3.2);
8. JIRRIKONOXXI l-ħidma tal-Grupp dwar l-evalwazzjoni tal-passat u tal-futur tal-applikazzjoni mill-Istati Membri ta' miżuri difensivi fil-qasam tat-taxxa lejn ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx; JAPPROVA l-Gwida għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' miżuri difensivi tat-taxxa u l-kwestjonarju rilevanti stipulat fl-Anness II tar-rapport;
9. JAPPREZZA l-progress fir-rigward tal-kriterju 1.4 futur dwar l-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja; JAPPELLA lill-Grupp ikompli l-ħidma biex jinkorpora s-sjieda benefiċjarja bħala r-raba' kriterju dwar it-trasparenza fiskali;
10. JILQA' l-bidu tal-iskrinjar ta' ġuriżdizzjonijiet ġodda fil-kamp ta' applikazzjoni tal-lista tal-UE;
11. JISTIEDEN lill-Grupp jirrapporta lura lill-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu matul il-Presidenza Ungeriża.